**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 49/09VG**

**Silvan Seisun u Christopher Vella**

**Vs**

**Paul Pace, Jason Camilleri u Joseph Farrugia f'isimhom proprio u in rapprezentanza tal-Malta Drag Racing Association**

**Illum 29 ta' Frar 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Silvan Seisun u Christopher Vella fl-4 ta' Frar 2009 permezz ta' liema jitolbu li prevja dikjarazzjoni li Paul Pace, Jason Camilleri u Joseph Farrugia f'isimhom proprio w in rapprezentanza tal-Malta Drag Racing Association jew min minnhom huma unikament responsabbli, minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non curanza da parte taghhom, ghall-incident li sehh nhar il-Hamis 12 ta' Gunju 2008 ghall-habta tal-10:45p.m. fil-korsa minnhom gestita gewwa Hal Far meta l-attur Silvan Seisun, li kien qed isuq mutur tat-tip Kawasaki ZX900 bin-Numru ta' Registrazzjoni PAH900, proprjetà ta' l-attur Christopher Vella, habat ma' annimali li dahlu fil-korsa b'konsegwenza ta' liema incident huma garrbu danni, jigu kkundannati jhallsuhom ammont li jigi likwidat mill-Qorti, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, liema ammont ma jeccedix il-kompetenza Taghha, i linea ta' danni subiti minnhom, *lucrum cessans u damnum emergens*, b'konsegwenza ta' tali incident, bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Settembru 2008, kontra l-konvenuti f'isimhom proprio w in rapprezentanza tal-Malta Drag Racing Association;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti permezz ta' liema jeccepixxu li: (i) in linea preliminari, il-konvenuti fil-kapacità personali taghhom ma humiex il-legittimi kontradditturi ghal dawn il-proceduri stante li l-Malta Drag Racing Association hija entità guridika a tenur ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 455 tal-

Ligijiet ta' Malta kif ukoll tat-Tieni Skeda tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li tista' titharrek f'isimha stess u ghaldaqstant f'isimhom proprio ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) fil-meritu, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li kull min jaghmel uzu mill-Hal Far Raceway gestita mill-konvenuti fil-kapacità taghhom ta' membri tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Malta Drag Racing Association, jerfa' personalment ir-responsabilità kollha ghal kull eventwalità li tista' ssehh in segwitu ghas-sewqan ta' vetturi jew muturi u dan skond l-avvizi moghtija lis-sewwieqa kif ukoll lill-pubbliku *inter alia* permezz ta' tabelli *enter at your own risk*; (iii) kwalunkwe allegazzjoni li l-imsemmi incident sehh minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non curanza mill-Malta Drag Racing Association milli tassigura li l-korsa tkun attrezzata sabiex fiha jsiru t-tigrijiet hija pjenament respinta stante li l-korsa hija strutturata u mantnuta b'mod li tippermetti partecipazzjoni ta' attivitajiet internazzjonali u li l-incident mertu ta' dawn il-proceduri kien biss dovut ghal *Act of God* wara li kelb qasam il-korsa, li kienet cirkostanza eccezzjonali li bl-ebda mod ma setghet tigi prevista mill-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-konvenuti moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2010[1], fis-sens illi r-Risposta pprezentata fid-9 ta' Marzu 2009 saret ghan-nom tal-konvenuti kollha u li ghal kull buon fini Jason Camilleri u Joseph Farrugia kienu qed jaghtu ruhhom notifikati bl-Avviz tas-Smigh, liema dikjarazzjoni giet ikkonfermata permezz ta' Nota pprezentata dakinhar stess ta' l-4 ta' Frar 2010[2];

Rat l-affidavit ta' l-attur Silvan Seisun u d-dokumenti annessi mieghu a fol. 17 sa' 28 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Matthew Laganà moghtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Gunju 2010[3] u tat-8 ta' Novembru 2012[4], ix-xhieda ta' l-attur Christopher Vella moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' Novembru 2010[5] u ta' l-14 ta' Gunju 2012[6], ix-xhieda tal-konvenut Paul Pace moghtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Novembru 2011[7] u ta' l-14 ta' Gunju 2012[8] u x-xhieda tal-konvenut Joseph Farrugia moghtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Marzu 2012[9] u ta' l-14 ta' Gunju 2012[10] u semghet ix-xhieda ta' l-attur Silvan Seisun moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2012[11];

Rat il-prospett tad-danni ta' l-atturi esebit permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' Frar 2011 a fol. 43 u 44 tal-process;

[1] Fol. 16 tal-process.
[2] Fol. 28 tal-process.
[3] Fol. 30 sa' 33 tal-process.
[4] Fol. 139 sa' 143 tal-process.
[5] Fol. 40 u 41 tal-process.
[6] Fol. 117 u 118 tal-process.
[7] Fol. 95 sa' 99 tal-process.
[8] Fol. 115 u 116 tal-process.
[9] Fol. 102 sa' 106 tal-process.
[10] Fol. 119 sa' 125 tal-process.
[11] Fol. 107 sa' 111 tal-process.

Rat li t-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija minn Antoin Mugliett waqt is-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2010 giet sfilzata mill-atti processwali a tenur ta' Digriet moghti fil-21 ta' Ottubru 2013[12];

Rat ir-Rapport tal-Perit Tekniku Joseph Zammit nominat in forza ta' Digriet moghti fil-21 ta' Ottubru 2013[13];

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet ta' l-atturi a fol. 177 sa' 185 tal-process u rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet Responsiva tal-konvenuti a fol. 188 sa' 192 tal-process;

Rat ir-Rikors tal-konvenuti proprio et nomine pprezentat fis-16 ta' Novembru 2015 permezz ta' liema talbu li l-Qorti tissosspendi l-prolazzjoni tas-sentenza u taccedi fuq il-post mertu ta' dawn il-procedur sabiex tara *de visu* t-track in kwistjoni u rat ir-Risposta ta' l-atturi permezz ta' liema jopponu ghall-imsemmija talba. Rat illi t-talba tal-konvenuti proprio et nomine giet michuda b'Digriet moghti fid-9 ta' Dicembru 2015 u l-kawza thalliet has-sentenza ghad-29 ta' Frar 2016 fid-9:15a.m.;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-atturi jitolbu li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti f'isimhom proprio u in rapprezentanza tal-Malta Drag Racing Association huma responsabbli, minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non curanza da parte taghhom, ghall-incident li sehh fit-12 ta' Gunju 2008 ghall-habta tal-10:45p.m. gewwa Hal Far fil-korsa gestita minnhom meta l-attur Silvan Seisun, li kien qed isuq il-mutur tat-tip Kawasaki ZX 900 bin-Numru ta' Registrazzjoni PAH-900, proprjetà ta' l-attur Christopher Vella, habat ma' annimali, senjatament ma' kelb, li dahlu fil-korsa bil-konsegwenza li entrambe l-atturi garbu danni, *damnum emergens* u *lucrum cessans*, u konsegwentement tikkundannhom ihallsu lill-atturi in linea ta' danni ammont Minnha likwidat, liema ammont ma jeccedix il-kompetenza Taghha, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

Il-konvenuti jopponu t-talbiet attrici in bazi ghas-segwenti eccezzjonijiet: (i) in linea preliminari, il-konvenuti fil-kapacità personali taghhom ma humiex il-legittimi kontradittturi ghal dawn il-proceduri stante li l-Malta Drag Racing Association hija entità guridika a tenur ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 455 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tat-Tieni Skeda tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li tista' titharrek f'isimha stess u ghaldaqstant f'isimhom proprio ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) fil-meritu, it-talbiet attrici ghandhom

[12] Fol. 145 tal-process.
[13] Fol. 146 tal-process.

jigu michuda stante li kull min jaghmel uzu mill-Hal Far Raceway gestita mill-konvenuti fil-kapacità taghhom ta' membri tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Malta Drag Racing Association, jerfa' personalment ir-responsabilità kollha ghal kull eventwalità li tista' ssehh in segwitu ghas-sewqan ta' vetturi jew muturi u dan skond l-avvizi moghtija lis-sewwieqa kif ukoll lill-pubbliku *inter alia* permezz ta' tabelli *enter at your own risk*; u (iii) kwalunkwe allegazzjoni li l-imsemmi incident sehh minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non curanza mill-Malta Drag Racing Association milli tassigura li l-korsa tkun attrezzata sabiex fiha jsiru t-tigrijiet hija pjenament respinta stante li l-korsa hija strutturata u mantnuta b'mod li tippermetti partecipazzjoni ta' attivitajiet internazzjonali u li l-incident mertu ta' dawn il-proceduri kien biss dovut ghal *Act of God* wara li kelb qasam il-korsa, li kienet cirkostanza eccezzjonali li bl-ebda mod ma setghet tigi prevista mill-konvenuti.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li jehtieg tigi trattata hija dik sollevata mill-konvenuti bl-eccezzjoni preliminari taghhom, u cioè li **f'isimhom personali** ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ma humiex legittimi kontraditturi f'dawn il-proceduri.

Fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet[14] taghhom l-atturi jikkontendu li *l-konvenuti qeghdin jivvantaw li mhumiex legittimi kontradditturi u dan minhabba xi registrazzjoni li qed jeccepixxu li saret. Illi mill-atti processwali ma tirrizulta ebda prova ta' dak li qed jivvantaw il-konvenuti li kien imiss lilhom jressqu provi fir-rigward u dan in omagg mal-principju "ei incumbit probatio qui affirmat, non qui negat; cum per rerum naturam factum negates probatio nulla sit" – ghaliex imiss lil min jallega li jipprova dak li qed ighid u certament ma jmissx lill-esponenti li jgibu prova negattiva. Illi l-esponenti flew l-atti processwali kollha u ma jirrizulta xejn fir-rigward. Illi jsegwi ghalhekk li l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda.*

Ir-registrazzjoni li jaccenaw ghaliha l-atturi tirrizulta mit-Tieni Skeda tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta invokata mill-konvenuti stess in sostenn ta' l-eccezzjoni preliminari taghhom. It-Tieni Skeda tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta tittratta dwar Organizzazzjonijiet Guridici w a tenur ta' l-Artikoli 1 u 3 ta' l-imsemmija Skeda jidher li organizzazzjoni jkollha personalità guridika meta tkun rikonoxxuta jew stabbilita bhala persuna guridika permezz ta' ligi specjali jew tkun registrata skond id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Skeda, ossia l-istatut ta' l-organizzazzjoni jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku skond l-Artikolu 12 ta' dik l-Iskeda. Innegabilment fil-kaz in ezami ma tressqet l-ebda prova li l-istatut tal-Malta Drag Racing Association gie registrat kif provdut fit-Tieni Skeda tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda din l-Iskeda tittratta wkoll dwar: (a) organizzazzjonijiet li qabel id-data rilevanti – 31 ta' Marzu 2007 u in segwitu mibdula ghall-1 ta' April 2008 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 196 ta' l-2010 - kienu rikonoxxuti li kellhom personalità guridika jew a

[14] Fol. 177 sa' 185 tal-process.

tenur tal-Ligi konswetudinarja jew in forza ta' sentenza definittiva pronuncjata mill-Qorti u dana sakemm l-istatus taghha ma jehtiegx li jigi rivedut skond l-istess Skeda jew dik l-assocjazzjoni tkun waqfet milli tezisti; **u** iktar rilevanti minn hekk dwar (b) organizzazzjonijiet mhux registrati.

A tenur ta' l-Artikolu 13(1) tat-Tieni Skeda tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *organizzazzjoni mhux registrata hija organizzazzjoni li jkollha forma rikonoxxuta mil-ligi, li hija kostitwita bi strument bil-miktub u li, waqt li tista' tigi registrata skont din l-Iskeda jew xi ligi ohra specjali, mhijiex hekk registrata* w a tenur ta' l-Artikolu 14 ta' l-imsemmija Skeda: *(a) Organizzazzjonijiet mhux registrati mhumiex persuni guridici izda, skont id-disposizzjonijiet ta' dan is-Sub-Titolu, huma jgawdu minn gharfien limitat u setghat legali biex jiksbu l-ghan specifiku li ghalih gew kostitwiti ... (4) Organizzazzjoni mhux registrata tista' tigi mharrka f'isimha stess u hija rapprezentata fil-proceduri gudizzjarji minn amministratur. Organizzazzjoni mhux registrata tista' tharrek f'isimha stess u hija rapprezentata mill-persuna li, skont l-istatut, mill-amministratur uniku jew, jekk ikun hemm aktar minn amministratur wiehed, minn zewg amministraturi li* jkunu. Izda a tenur tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 13 tat-Tieni Skeda *minghajr pregudizzju ghad-dritt ta' assocjazzjoni ta' kull persuna u d-dritt ta' kull persuna li tistabilixxi organizzazzjoni, assocjazzjoni ta' persuni jew l-approprjazzjoni ta' beni ghal ghan li ma jkunx bil-forma bil-miktub ma humiex rikonoxxuti ghall-finijiet ta' din l-Iskeda*[15].

Sfortunatament u ghal raguni li jafu huma biss il-konvenuti naqsu milli jesebixxu fl-atti ta' dawn il-proceduri l-istatut bil-miktub tal-Malta Drag Racing Association. Ghalkemm fin-Nota ta' Osservazzjonijiet Responsiva taghhom jikkontendu li *l-MDRA hija assocjazzjoni debitament kostitwita bi statut skond il-Ligi u* ***jekk wiehed jidhol fil-website tal-MDRA ser jara dan kollu***[16], tali affermazzjoni ma tistax titqies bhala li tikkostitwixxi prova valida f'dawn il-proceduri in bazi ghall-principju li *dak li jinghad mid-difensuri fit-trattazzjoni orali jew skritta ma jikkostitwixxix prova ... u ghalhekk* [il-partijiet kontendenti] *ma jistghux fit-trattazzjoni taghhom jaghmlu provi u jgibu difizi li ma tqajjmux waqt il-kawza*[17]. B'hekk fl-assenza ta' dan l-istatut l-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni netta li l-Malta Drag Racing Association setghet tigi mharrka f'isimha stess – u b'hekk il-konvenuti f'isimhom proprio ma humiex il-legittimi kontraditturi ta' l-atturi – in bazi ghal dak provdut fit-Tieni Skeda tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Detto ciò però ma jfissirx li l-eccezzjoni tal-konvenuti li huma f'isimhom personali ma humiex il-legittimi kontradditturi ta' l-atturi hija bla fundament u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

---

[15] Sottolinear tal-Qorti.
[16] Fol. 189 u 190 tal-process. Enfasi tal-Qorti.
[17] Josephine mart Vincent Sammut et v. Lorenzo Agius et, Citaz. Nru. 367/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 1996 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar 2001.

Li l-Malta Drag Racing Association hija assocjazzjoni rikonoxxuta *di proprio diritto* ma jistax jigi kontestat partikolarment meta fl-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar l-Isport, Kap. 455 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Malta Drag Racing Association hija elenkata bhala assocjazzjoni lil min hija allokata facilità di proprjetà ta', fil-pussess jew tgawdija jew kontrollata mill-Gvern Centrali w eventwalment bis-sahha ta' l-imsemmi Att, mill-Kunsill Malti ghall-Isport, senjatament sit f'Hal Far. Huwa principju minn dejjem rikonoxxut – u dana anke qabel l-introduzzjoni tat-Tieni Skeda tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta – li *l-Art. 4(d) ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni jghid illi: (d) l-espressjoni "persuna" tinkludi ghadqa jew korp iehor ta' persuni, sew jekk dik l-ghaqda jew dak il-korp ikun persuna guridika jew jekk le*[18]. B'hekk ghaqda ta' persuni li jista' ma ghandhiex personalità guridika distinta tista' tigi mharrka debitament rapprezentata mir-rapprezentati taghha – fil-kaz in ezami l-President, Tezorier u Segretarju Ezekuttiv tal-Kumitat tal-Malta Drag Racing – minghajr ma dawn l-istess nies ikunu responsabbli wkoll f'isimhom personali.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti tqis li l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti fis-sens li in kwantu mharrka f'isimhom personali ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma humiex legittimi kontradittturi f'dawn il-proceduri, hija gustifikata u b'hekk jisthoqq li tigi milqugha.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa jigi trattat il-mertu proprio ta' l-azzjoni attrici. Dwar il-fatti principali tal-kaz, u cioè li fit-12 ta' Gunju 2008 ghall-habta tal-10:45p.m. iz-zewg atturi kienu prezenti fil-korsa gestita mill-Malta Drag Racing Association – fatt dan, jigi ribadit rikonoxxut tramite l-Ewwel Skeda tal-Kap.455 tal-Ligijiet ta' Malta – u li waqt li l-attur Silvan Seisun kien qed isuq il-mutur tat-tip Kawasaki ZX900 bin-Numru tar-Registrazzjoni PAH-900, di proprjetà ta' l-attur Christopher Vella, tajjar annimal, ossia kelb, li kien hemm fil-korsa u b'konsegwenza ta' dan l-incident waqa' mill-mutur u baqa' jitkaxkar ghal ftit metri, bil-mutur isofri hsara estensiva, ftit li xejn hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet kontendenti.

Il-kontestazzjoni principali tinsab fir-rigward ta' l-allokazzjoni u/jew tar-responsabilità ghal tali incident, bl-atturi jikkontendu li huma unikament responsabbli l-konvenuti minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non curanza da parte taghhom fil-mod ta' kif kienet mantnuta l-korsa in kwistjoni u bil-konvenuti invece jikkontendu li huma, jew ahjar il-Malta Drag Racing Association, ma hijiex responsabbli ghal dak li gara minhabba l-fatt li kull minn jidhol fi u jaghmel uzu mill-korsa gestita minnha jaghmel dan b'responsabilità personali tieghu, kif debitament avzat b'avvizi pubblici li *inter alia* jghidu *enter at your own risk*, u peress illi fi kwalunkwe kaz dak li gara

[18] Francis Busuttil & Sons Limited v. Saviour Cacciattolo, Citaz. Nru. 2072/96 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2005. Ghalkemm din is-sentenza tittratta dwar club il-Qorti hi tal-fehma li l-principju hemm enuncjat japplika ghall-kaz in ezami wkoll.

kien *Act of God* u ghalhekk ma ghandhomx jirrispondu la ghall-incident in kwistjoni u wisq inqas ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi.

Fir-rigward taz-zewg elementi centrali fuq liema l-konvenuti jibbazaw l-eccezzjonijiet fil-meritu taghhom, ossia l-avvizi dwar ir-responsabilità u l-kwistjoni dwar il-forza magguri jew kaz fortuwitu, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti sentenzi pronuncjati mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) u mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:

- Fis-sentenza fl-ismijiet **George Bonnici et noe v. Phoenicia Hotel Company Limited, Appell Civili Nru. 2489/97** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2005, gie osservat is-segwenti fir-rigward ta' avvizi pubblici dwar ezoneru ta' responsabilità ghal danni qual' volta kawzati: *din il-Qorti ... lanqas ma ssib illi l-avviz muri fir-ritratt jista' jezonera lis-socjetà appellanti mir-responsabilità proprja fejn ikun jirrizulta illi* ***din ma tkunx agixxiet b'dik id-diligenza u hsieb mistenni minn bonus paterfamilias***[19] *. Kriterju dan sostrat ta' bosta disposizzjonijiet tal-Kodici Civili taghna; b'mod generali, l-Artikoli 1132(1) u 1032 tieghu. Fil-hsieb tal-Qorti dak l-avviz mhux hlief manifestazzjoni unilaterali w arbitrarja tal-lukandier li ma jgibx ghalhekk biss illi l-kontro-parti tkun qeghda tabdika d-drittijiet taghha. Ma jikkontjeni l-ebda patt, l-ebda akkonsentiment jew accettazzjoni manifesta ta' l-uzuarju tal-parkegg.* ***Ma jistax allura, dejjem skond l-opinjoni ta' din il-Qorti, dak l-avviz ikollu t-tifsira estensiva ta' xi ezoneru komplet mir-responsabilità civili, kompriz ukoll allura dawk l-atti naxxenti minn delitt jew kwazi delitt. Anke kieku talvolta kellu jigi argomentat illi dak l-avviz jitqies sembjanza ta' kuntratt, l-istess ma kienx ikollu valur li jezonera lis-socjetà konvenuta la mid-dolo, la mill-kolpa gravi, ekwiparata ghad-dolo, u lanqas mill-kolpa ljievi, li tigi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diligenza li l-ligi tirrikjedi fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni in genere. Fi kliem iehor il-klawsola ta' irresponsabilità bhal dik in ezami ma tezonerax mir-responsabilità meta jkun hemm vjolazzjoni ta' kuntratt jew ta' dover***[20];
- Fis-sentenza fl-ismijiet **Collin Smith et v. Peter Muscat Scerri, Citaz. Nru. 1626/96** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2003, fir-rigward tad-difiza tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu gie osservat illi ***l-kaz fortuwitu ma jehlisx mir-responsabilità ghad-danni jekk ikun precedut minn thija ta' min ikkaguna d-dannu jew ta lok ghalih***[21].

---

[19] Enfasi ta' din il-Qorti.
[20] Enfasi ta' din il-Qorti.
[21] Enfasi tal-Qorti.

Fil-fehma tal-Qorti dawn l-insenjamenti guridici huma centrali ghall-kaz in ezami ghaliex il-konvenuti jippruvaw jehilsu lilhom infushom jew ahjar lill-Malta Drag Racing Association minn kwalunkwe responsabilità fil-konfront ta' l-atturi b'affermazzjonijiet generici li jinjoraw ghal kollox l-applikazzjoni dettaljata tal-principji minnhom stess invokati.

Minkejja d-diversi tabelli li jista' hemm jew kien hemm imwahhlin f'diversi postijiet fil-korsa gestita mill-Malta Drag Racing Association, liema tabelli in verità se mai jittrattaw dwar kwistjonijiet direttament relatati mat-tlielaq li jkun hemm fil-korsa u mhux ghal kaz bhal dak in ezami fejn l-incident sehh minhabba l-presenza ta' annimali fil-korsa – li mhux suppost kienu hemm - kemm-il darba jirrizulta li l-Malta Drag Racing Association naqset mid-dover taghha li zzomm il-korsa sew u tassigura, entro certa limiti dettati mill-periklu li tlielaq bil-muturi u vetturi certament joholqu, l-inkoluminità tal-frekwentaturi tal-korsa, hija necessarjament ghandha titqies responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement debitrici ta' l-atturi ghad-danni sofferti minnhom.

Mir-ritratti esebiti mill-atturi[22] jidher car li fiz-zmien ta' l-incident f'parti mill-korsa gestita mill-Malta Drag Racing Association il-*fencing* li kien hemm mal-perimetru tal-korsa ma kienx mantnut tajjeb u ma kienx adegwat biex izomm nies u/jew annimali milli jidhlu fil-korsa. Bl-istess mod il-grada murija fir-ritratti a fol. 21 tal-process ukoll ma hijiex adegwata biex tassikura li ebda annimal ma jsib ruhu fuq il-korsa. Ghalkemm il-konvenuti Paul Pace u Joseph Farrugia jishqu fuq il-kwistjoni li t-track fiha kwart ta' mil ghall-finijiet ta' tlielaq u kwart ta' mil iehor bhala *braking area*, il-verità hi li l-**proprjetà kollha** fdata u koncessa lill-Malta Drag Racing Association taqa' taht ir-responsabilità taghha u l-istess Association hija obbligata li tiehu hsiebha biex, kif già inghad, entro certa limiti dettati mill-periklu li tlielaq bil-muturi u vetturi certament joholqu, tissalvagwardja l-inkoluminità tal-frekwentaturi tal-korsa.

Li l-partijiet indikati fir-ritratti esebiti mill-atturi u fejn sehh l-incident jiffurmaw jew ta' l-inqas dak iz-zmien kienu jiffurmaw parti mill-art koncessa lill-Malta Drag Racing Association jirriuzlta mix-xhieda in kontro-ezami u in ri-ezami tal-konvenut Paul Pace, fiz-zmien rilevanti President tal-Malta Drag Racing Association, moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2011[23]: *Ix-xatba li tidher fir-ritratt a fol 21 tal-process li qieghda lejn in-naha fabbriki u dik qieghda hemm ghall-emergenza. Din tinsab madwar nofs mil 'il boghod mill-gate minn fejn jidhlu l-partecipanti ta' l-events. Jekk persuna taqbez din ix-xatba tigi mill-ewwel fit-track. Il-parti tat-track fejn ikun hemm it-tellieqa ghaddejja tidher bl-iswed fuq ir-ritratti li jien esebejt Dok "PP5". Fejn tinsab ix-xatba a fol 21 tal-process, ghalkemm hija track ma tkunx il-parti fejn itellqu l-vetturi izda fejn jieqfu jew jibdew innaqqsu mill-velocità. Il-fencing li*

[22] Fol. 21 sa' 25 tal-process.
[23] Fol. 95 sa' 99 tal-process.

*tidher a fol 22 tal-process hija aktar 'l isfel mit-track. F'wiehed mir-ritratti qed narah fit-track, pero' hija hafna 'l isfel minn fejn isiru t-tlielaq u lil hemm mill-fencing hemm l-ghelieqi. Il-parti li tidher a fol 23 tal-process mhijiex parti mit-track. Kieku kienet parti mit-track kont inzommha mnadfa. L-art li tidher fir-ritratti a fol 23 tal-process turi parti mill-art li hija mikrija lilna, jigifieri sa fejn hemm it-tarmac, il-kumplament ma jiffurmax parti mill-art mikrija lilna. Naqbel li l-fencing juri fejn jispicca t-tarmac u fejn hemm l-fence tispicca l-art mikrija lilna. It-tyres li jidrhu a fol 23 tal-process, nghid li jkunu irmewhom xi nies, li flok ma jkunu rmewhom fejn suppost jigu jarmuhom hemm. It-tankijiet li jidhru f'dawn l-istess ritratti konna ghamilnihom ahna stess biex nippruvaw li n-nies jigu jarmu l-imbarazz fil-propjeta' taghna. Fejn sehh l-incident mertu tal-kontestazzjoni, ma sehhx fil-parti tat-track fejn issuqu izda ferm iktar 'l isfel. Jien din il-parti qed naghrafha a fol 24 tal-process. Ghalkemm din l-area fejn sehh l-incident minn fejn isiru t-tlielaq, nghid li dak iz-zmien kienet parti mill-art mikrija lilna. Ir-ritratti li ghadni kif xehedt dwarhom huma a fol 24 tal-process. Il-parti bit-tarmac a fol 25 tal-process hija aktar 'l isfel fit-track pero' mhux fejn isuqu. … Il-perimeter tat-track huwa twil nofs mil. In-nofs mil huwa kollu mikri ghandna però bhala track fejn isiru it-tigrijiet huwa kwart ta' mil biss. It-tellieqa fil-fatt hija quarter mile race. Mal-finish line ta' din it-track hemm bozza li turi li fil-fatt hemm il-finish. Apparti minn hekk tkun taf li l-kwart ta' mil fejn kellha issir ir-race spicca ghax hemm ic-cnut. Nerga' ntenni li fejn sehh l-incident li fih kien involut l-attur ma sehhx fil-parti fejn ikun hemm it-tigrija izda hafna aktar 'l isfel.*

Bl-istess mod ghalkemm il-konvenuti jikkontendu li kien l-attur Silvan Seisun li billi kien qed itellaq jew ahjar is-suq il-mutur ta' l-attur l-iehor Christopher Vella b'velocità elevata pogga lilu nnifsu f'posizzjoni ta' perikolu u b'hekk ma ghandhomx jirrispondu ghall-incident li sehh u l-konsegwenti danni sofferti minnhom, jibqa' l-fatt li l-incident in verità sehh ghaliex l-attur Silvan Seisun sab tlett iklieb fuq il-korsa meta dawn it-tlett iklieb mhux suppost kienu hemm. Il-velocità li biha l-attur Silvan Seisun kien qed isuq qabel ma sehh l-incident u l-fatt li huwa kien qieghed go korsa tat-tlielaq f'dan il-kaz partikolari ma jiccentraw xejn.

Ghalkemm fin-Nota ta' Osservazzjonijiet Responsiva taghha l-konvenuti jikkontendu li *l-attur ha ghalih riskju illi fil-parti tal-braking area – fejn allura suppost is-sewqan ikun bil-mod hafna – ismu mieghu braking area – dan baqa' ghaddej b'velocità u sehh l-incident. Il-konvenuti ma jistghux jigu tenuti jassumu li persuna ragonevoli se tibqa ghaddejja bi speed elevat fil-braking area w allura kif l-attur assuma ghalih ir-riskju li f'post fejn mhux suppost isuq b'velocità – hu saq b'velocità – hekk allura l-attur assuma ghalih kull hsara derivanti mir-riskju li ha u ma jistax jipprova jitfa r-responsabilità fuq il-konvenuti kif qed jipprova jaghmel. Huwa car li l-attur kien ghaddej b'certa speed fil-braking area u zgur li ma kienx qed jobdi t-tabelli cari li hemm f'dik l-area dwar l-ispeed baxx li jrid jinzamm. Kemm id-daqqa fuq il-mutur, kemm it-tkaxkira tal-mutur u kemm ukoll il-fatt li l-*

*incident gara proprju fit-tarf tal-braking area w allura kwazi fi kwart ta' mil distanza ohra mill-finish line tar-race track oltre l-fatt li l-attur jghid li ma rax il-kelb, kollha juru speed elevat li kien ghaddej bih l-attur. Ghalhekk huwa car li l-attur assuma ghalih riskju li b'ebda mod ma jistghu jwiegbu ghalih il-konvenuti. Imma r-riskju dan li jwiegeb biss ghalih l-attur innifsu li manifestament ma obdiex id-direttivi cari tal-MDRA u tat-track*, dak minnhom affermat u sottomess ma huwiex korroborat mill-provi prodotti minnhom stess u senjatament mix-xhieda tal-konvenuti Paul Pace u ta' Joseph Farrugia.

In effetti waqt ix-xhieda li ta fis-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2012[24] ghall-osservazzjoni ferm diretta *l-ahhar darba ghidtilna Sur Pace li l-incident tas-Sinjur gara wara l-finish line* Paul Pace irrisponda *ehe kif qabez il-finish line* u mix-xhieda ta' Joseph Farrugia moghtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Marzu 2012[25] u ta' l-14 ta' Gunju 2012[26] jirrizulta li huwa l-incident ma rahx ghaliex minn fejn kien qieghed ma setghax jara daqshekk 'l boghod u hu personalment ma nizilx fil-post fejn sehh l-incident.

B'ammissjoni ta' Paul Pace stess jirrizulta li kif affermat mill-attur Silvan Seisun l-incident in kwistjoni sehh hekk kif l-istess Seisun qabez il-*finish line,* post fejn certament wiehed ma jippretendix li se jsib tlett iklieb fin-nofs!

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Raymond Fenech et noe v. Kunsill Lokali Zebbug et, Citaz. Nru. 1971/95,** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru 2004 u ikkonfermata fil-meritu mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Lulju 2007, fejn gie citat is-segwenti principju enuncjat fil-kawza Ingliza "Ching v. Surrey" C.C. (1910) 1 K.B.736, senjatament minn Lord Halsbury: *anyone charged with the duty (to keep the playground in proper condition) was bound to take care that the playground where boys were expected to play ... should be in such a condition that they should not be exposed to unnecessary danger while playing there.*

Ghalkemm dan il-principju gie enuncjat fil-kuntest ta' *playgrounds*, il-Qorti hi tal-fehma li japplika anke fil-kuntest ta' korsa fejn ikun hemm tigrijiet ta' vetturi fejn bla dubju ta' xejn min hu responsabbli minn tali korsa, ossia fil-kaz in ezami l-Malta Drag Racing Association, ghandu jaccerta ruhu li l-korsa tkun mantnuta b'tali mod li min ikun qed jaghmel uzu minnha ma jkunx espost ghal *unnecessary danger* waqt li jkun qed itellaq jew isuq il-vettura/mutur hemmhekk. Kura w attenzjoni li f'dan il-kaz certament ma nzammitx da parte tal-Malta Drag Racing Association bil-konsegwenza ghalhekk li ghandha tinzamm unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-12 ta' Gunju 2008 fl-10:45p.m. gewwa l-korsa gestita minnha f'Hal Far u li fih kien involut Silvan

[24] Fol. 115 u 116 tal-process.
[25] Fol. 102 sa' 106 tal-process.
[26] Fol. 119 sa' 125 tal-process.

Seisun, u konsegwentement ghandha tirrispondi ghad-danni subiti mill-atturi, ossia minn Silvan Seisun *qua* is-sewwieq tal-mutur fil-hin ta' l-incident u minn Christopher Vella *qua* proprjetarju tal-mutur.

In kwantu rigwarda d-danni subiti mill-attur Silvan Seisun b'konsegwenza ta' dan l-incident l-istess Seisun fl-affidavit tieghu ddikjara li *nghid li b'rizultat tal-habta l-mutur baqa' jitkaxkar u garrab hsarat sija bid-daqqa mal-kelb kif ukoll bit-tkaxkir. Jiena garrabt griehi ta' natura hafifa fi spallti u f'genbi tal-lemin kif ukoll fekkikt sieqi l-leminija. Qieghed nipprezenta kopja ta' certifikat rilaxxjat mill-isptar li jinsab anness u mmarkat Dok. SS2. In oltre qattajt il-gakketta u l-hwejjeg ta' fuqi, l-ingwanti. Ghamilt lejl l-isptar ghall-osservazzjoni u gejt rilaxxat l-ghada. B'konsegwenza tal-griehi, ghamilt xahar u nofs ma nistax nahdem u spiccajt fuq l-unpaid leave. B'hekk tlift seba' mija u disgha u sittin euro (€769) peress li dak iz-zmien kont impjegat mas-socjetà D.D.E. Attard Limited u kont nippercepixxi paga netta ta' mija u tmienja u ghoxrin Euro u hmistax-il centezmu (€128.15) fil-gimgha. Qieghed nipprezenta kopja ta' payslip tieghi li qed tigi annessa w immarkata Dok. SS3. Inoltre sofrejt l-ispejjez tal-hwejjeg li jammontaw ghal mitejn u hamsin Euro (€250)*[27].

Ghalkemm il-konvenuti ma kkontestawx in-natura u l-*quantum* tad-danni pretizi minn Silvan Seisun peress illi iktar iffukaw fuq il-pretensjoni taghhom li ma jahtu bl-ebda mod ghall-incident in kwistjoni, il-Qorti ma hijiex affattu sodisfatta mill-prova li l-attur Seisun ghamel fir-rigward ta' *lucrum cessans* li jippretendi li sofra, konsistenti tali *lucrum cessans* fit-telf ta' paga fl-ammont ta' €769 peress illi skontu b'konsegwenza ta' dan l-incident dam xahar u nofs ma jmurx xoghol u waqa' fuq *unpaid leave*.

Il-Qorti tosserva li huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li ghalkemm fin-nuqqas ta' opposizzjoni specifika ghall-premessi jew uhud mill-premessi attrici l-Qorti tista' liberament tillimita ruhha ghal dak li gie formalment eccepit, *fl-istess waqt ma kien hemm xejn milli jipprekludiha li tkun ukoll sodisfatta li dak li ppremettiet l-attrici gie ppruvat u huwa legalment korrett. Ezercizzju tali jinkwadra ruhu fil-parametri ta' dak li jista' jaghmel gudikant qabel jasal ghall-gudizzju tieghu u ma jammontax ghall-holqien ta' eccezzjonijiet godda kif qeghdha tallega l-appellanti*[28].

Ghalkemm l-attur Silvan Seisun jikkontendi li fekkek siequ tal-lemin – u b'hekk wiehed jista' jifhem li persuna tkun indisposta ghal certu perijodu ta' zmien – mic-certifikat esebit minnu stess dan ma jirrizultax. Skond ic-certifikat mediku esebit bhala Dok. "SS2" il-griehi li sofra Seisun b'konsegwenza ta' l-incident meritu tal-kontestazzjoni kienu *large abrasion over LT upper back, large abrasion over RT side of buttock* u *tenderness* [li

[27] Affidavit ta' Silvan Seisun u dokumenti annessi mieghu a fol. 17 sa' 27 tal-process.
[28] Maria mart l-imsiefer Philip Debono v. Avukat Dr. Paolo Mercieca et noe, Citaz. Nru. 73/58 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Jannar 2004.

hija ben distinta minn *fracture*] *over RT knee and ankle.* Minn imkien minn tali certifikat ma jirrizulta li huwa fekkek siequ tal-lemin. Apparte minn hekk il-pay slip minnu esebita bhala Dok. "SS3" tikkonferma l-*quantum* tal-paga tieghu fil-gimgha imma bl-ebda mod ma tikkonferma b'mod sodisfacenti li huwa ma setghax imur xoghol ghal xahar u nofs shih u b'hekk sofra telf ta' paga ammontanti ghal €796. Din il-prova setghet facilment issir izda ghal xi raguni jew ohra l-attur ghazel li ma jressaqx l-ahjar prova fir-rigward. In kwantu rigwarda s-somma ta' €250 ghall-hwejjeg li kellu fuqu u li tqattghu b'konsegwenza ta' l-incident, il-Qorti tqis li tali somma hija ragonevoli u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parte tal-konvenuti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex taccettaha bhala korretta u veritiera.

B'hekk id-danni li ghandhom jigu likwidati a favur l-attur Silvan Seisun jammontaw ghal **€250**.

In kwantu rigwarda l-hsara fil-mutur tat-tip Kawazaki ZX 900 bin-Numru ta' Registrazzjoni PAH-900 di proprjetà ta' l-attur Christopher Vella ssir referenza ghar-rapport tal-Perit Tekniku nominat mill-Qorti, Joseph Zammit. Wara li ezamina l-mutur in kwistjoni l-Perit Tekniku kkonkluda li: *1) Il-motorcycle li l-esponent spezzjona w ezamina huwa dak tal-marka Kawasaki ta' mudel ZX9 900cc ta' sena ta' manifattura 1999; 2) Illi fuq dan il-motorcycle instabet hsara kkagunata f'incident li f'dan l-incident garrab hsarat estensivi l-aktar fuq il-partijiet frontali tieghu u fuq il-genb tax-xellug tieghu; 3) Illi dawn il-hsarat huma konsistenti f'tghawwig u tkissir f'diversi partijiet tieghu fejn bl-istess daqqa frontali gie wkoll affetwat ix-chassis tieghu; 4) Illi sabiex din il-hsara li jinsab biha dan il-motorcycle tigi irrangata, l-ispiza tista' tissupera l-valur li kellu l-motorcycle fid-data ta' l-incident 2008 ta' tliet elef liri Maltin ekwivalenti ghal sitt elef disgha mija u disghin ewro (€6,990); 5) Illi r-wreck value ta' dan il-motorcycle huwa stmat ghal sitt mitt ewro (€600).*

Il-principju applikabbli f'kaz ta' vettura, f'dan il-kaz mutur, li hija kkunsidrata bhala *total loss* wara l-incident huwa li *f'kaz li vettura tigi konsidrata bhala "total loss", allura l-attur hu intitolat li jigbor minghand id-danneggjat id-differenza bejn il-valur ta' l-istess vettura qabel l-incident u l-valur taghha wara l-incident ghax dawk huma d-danni li huwa sofra*[29]. Fid-dawl ta' dan ifisser ghalhekk li d-danni li ghandhom jigu likwidati favur l-attur ghall-hsara kagonata lill-mutur proprjetà tieghu b'konsegwenza ta' l-incident meritu tal-kontestazzjoni jammontaw ghal **€6,390**.

Mill-prospett tad-danni esebit mill-atturi a fol. 44 tal-process jirrizulta li l-attur Christopher Vella jippretendi li ghandu jithallas ukoll is-somma ta' €100 rapprezentanti drittijiet tas-surveyor. F'dan il-kaz ukoll, ghalkemm il-konvenuti mhux jikkontestawx il-*quantum* tad-danni pretizi mill-attur

[29] Martin Bonello Cole v. Kummissarju tal-Pulizija et, Citaz. Nru. 1210/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2003.

Christopher Vella, jinghad illi fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova li tikkonferma b'mod sodisfacenti li l-attur Christopher Vella effettivament hallas ghal survey fees u li dawn is-survey fees kienu jammontaw ghal €100 kif minnu reklamat.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tideciedi billi:

1. Tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u tillibera mill-osservanza tal-giudizzju lill-konvenuti f'isimhom personali in kwantu mhux legittimi kontradditturi f'dawn il-proceduri;
2. Tichad ir-rimanenti eccezzjonijiet, ossia l-eccezzjonijiet fil-meritu, sollevati mill-konvenuti;
3. Tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti in rapprezentanza tal-Malta Drag Racing Association;
4. Tiddikjara li l-Malta Drag Racing Association hawn rapprezentata mill-konvenuti, hija unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar il-Hamis 12 ta' Gunju 2008 ghall-habta tal-10:45p.m. fil-korsa minnha gestita gewwa Hal Far li fih kien involut l-attur Silvan Seisun, li kien qed isuq mutur tat-tip Kawasaki ZX900 bin-Numru ta' Registrazzjoni PAH900, proprjetà ta' l-attur Christopher Vella, meta habat ma' annimali li dahlu fil-korsa, bil-konsegwenza li huwa sofra griehi ta' natura hafifa u l-mutur sofra hsara estensiva, u dana minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non curanza da parte tal-Malta Drag Racing Association fil-mod kif mantniet il-korsa gewwa Hal Far gestita minnha;
5. Tillikwida d-danni subiti mill-attur Silvan Seisun fl-ammont ta' €250;
6. Tillikwida d-danni subiti mill-attur Christopher Vella fl-ammont ta' €6,390;
7. Tikkundanna lill-konvenuti in rapprezentanza tal-Malta Drag Racing Association ihallsu lill-attur Silvan Seisun is-somma ta' €250, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament, u jhallsu lill-attur Christopher Vella s-somma ta' €6,390, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Settembru 2008, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti in rapprezentanza tal-Malta Drag Racing Association.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**